# Persuna li tgħix weħedha

Ta' età żgħira kien hemm persuna li fit-tfulija tiegħi ma kinitx tħallini nagħlaq għajn m'għajn filgħaxija. Kont għadni ħalib ommi fi snieni imma din ix-xwejħa ħalliet ritratt tagħha stampat f'moħħi! Bilkemm niftakar x'kilt ilbieraħ imma din il-mara baqgħet misteru b'mod ċar daqs il-kristall f'moħħi!

Kienet tgħix f'dar tefa' ta' ġebla 'l bogħod mid-dar tagħna. Id-dar tagħha kienet antika iktar minnha! Wiċċha kien mimli tikmix u għajnejha kienu suwed tuta. Xagħarha kien griż daqs is-sħab ta' maltempata Maltija! Dejjem kien ikun miġbur f'qagħqa ċkejkna. Kienet persuna qsajra u tant kienet irqiqa li l-għadam tagħha kien prominenti. Daharha mgħawweġ ganċ u jdejha kesħin silġ. Din il-mara kienet għadma u ġilda u hekk kif taraha tqabbdek il-bard!

Dejjem kienet tilbes libsa sewda, kalzetti griżi lewn xagħarha, żarbun qisu għadda mill-gwerra u ġiżirana tad-deheb li ġo fiha kellha ritratt tagħha flimkien mar-raġel li kien miet mat-twelid tiegħi. Tgħid għalhekk kienet tagħtini ħarsa li toqtol kull darba li kont inħares lejha? Kont infakkarha f'dik it-telfa kiefra li għaddiet minnha?!?!?

Jiena qatt ma għamiltilha xejn ... Dejjem ippruvajt inkun edukata magħha iżda hi miegħi kienet tkun bla qalb ... tħarisli b'dik il-ħarsa li tagħmilli demmi ilma. Jien irtirata niftakarha u tgħix waħedha.

Ommi tgħidli li qabel ma mitilha r-raġel kellha qalbha taz-zokkor iżda minn mindu twelidt jien, u hi bdiet tgħix waħidha, tilfet ċertu ferħ li r-raġel tagħha biss kien jagħtiha... Dak il-ferħ tal-imħabba!

L-isem tal-istudenta: **Katarina Galea Curmi**
Il-klassi: **8.4**
L-għalliem: **Is-Sur Mark Ciantar**